32005D0630

31.8.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 225/23

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-26 ta' Awwissu 2005

## li tistabbilixxi formola għat-trażmissjoni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE

(2005/630/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 sabiex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwim bejn partijiet minn pajjiżi differenti billi tistabbilixxi regoli komuni minimi li għandhom x'jaqsmu ma' l-għajnuna legali f'tilwim bħal dan [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tagħha,

Wara li kkonsultat il-kumitat stabbilit bl-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2003/8/KE,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2004/844/KE [2] stabbiliet il-formola standard għal applikazzjonijiet għall-għajnuna legali taħt id-Direttiva Nru 2003/8/KE.

(2) Taħt id-Direttiva Nru 2003/8/KE l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi wkoll formola standard biex tiffaċilita t-trażmissjoni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna legali bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-Istati Membri.

(3) Taħt l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tad-Direttiva Nru 2003/8/KE u b'hekk la hija marbuta biha u lanqas ma hi meħtieġa li ddaħħalha fis-seħħ.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Il-formola standard għat-trażmissjoni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna legali murija fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni hija adottata.

Magħmul fi Brussell, nhar is-26 ta' Awwissu 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Franco FRATTINI
*Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea*

---

[1] ĠU L 26, 31.1.2003, p. 41.
[2] ĠU L 365, 10.12.2004, p. 27.

*ANNESS*

**FORMOLA STANDARD**

**Formola għat-trasmissjoni ta’ applikazzjoni għal għajnuna legali**

Raġunijiet speċjali, jekk hemm, għat-talba ta’ azzjoni urġenti dwar din l-applikazzjoni

Referenza tad-*Dossier*: ..........

*Dossier* maħruġ minn: .......... Data tal-ħruġ: ..........

**Dettalji ta’ l-awtorità tal-ħruġ**

L-isem ta’ l-awtorità tal-ħruġ: ..........

Stat Membru: ..........

Persuna responsabbli mid-*dossier*: ..........

Indirizz: ..........

Telefon: ..........

Fax: ..........

Email: ..........

Lil-:

**Dettalji ta’ l-awtorità li tirċievi**

Isem: ..........

Stat Membru: ..........

Indirizz: ..........

Telefon: ..........

Fax: ..........

Email: ..........

**Dettalji tal-persuna jew kumpanija li qegħda titlob għall-għajnuna legali**

Isem komplut tal-persuna jew l-isem tal-kumpanija: ..........................................................................................................

Kunjom u isem tal-persuna li qed tirrappreżenta lill-applikant jekk l-applikant huwa minuri jew b'xi bżonn speċjali: ....

..........................................................................................................

Kunjom u isem tal-persuna li qed tirrappreżenta lill-applikant jekk l-applikant huwa ta' l-età u mhux b'xi bżonn speċjali (avukat, aġent, ...): ..........................................................................................................

Indirizz: ..........................................................................................................

..........................................................................................................

Telefon: ..........................................................................................................

Fax: ..........................................................................................................

Email: ..........................................................................................................

Lingwi: ..........................................................................................................

**Dettalji tal-proċedura**

1. L-applikant għall-għajnuna legali huwa l-attur jew il-konvenut?

2. L-applikant għall-għajnuna legali jrid din l-għajnuna legali sabiex jingħata:

   a) parir qabel ma jkunu bdew proċeduri legali .......................................................................................... O

   b) għajnuna (parir u/jew rappreżentanza) fil-qafas ta' proċeduri extra-ġudizzjarji ..............................................O

   c) għajnuna (parir u/jew rappreżentanza) fil-qafas ta' proċeduri legali kontemplati .......................................... O

   d) għajnuna (parir u/jew rappreżentanza) fil-qafas ta' proċeduri legali pendenti................................................. O

   Jekk iva:

   — In-numru ta' reġistrazzjoni: ..........................................................................................................

   — Dati tas-smigħ: ..........................................................................................................

   — L-isem tal-Qorti: ..........................................................................................................

   — L-indirizz tal-Qorti: ..........................................................................................................

   e) għajnuna (parir u/jew rappreżentanza) fil-qafas ta' proċeduri legali dwar deċiżjoni li diġà ttieħdet minn awtorità ġudizzjarja? .......................................................................................................... O

Jekk iva:

— Isem u indirizz ta' l-awtorità ġudizzjarja: ......................................................................................................

— Id-data tad-Deċiżjoni: ..................................................................................................................

— In-natura tal-każ: ........................................................................................................................

— Appell kontra d-Deċiżjoni ...................................................................................................... O

— Infurzar tad-Deċiżjoni .......................................................................................................... O

3. Parti opposta: ..........................................................................................................................

4. Deskrizzjoni fil-qosor tan-natura tal-każ, inkluza, f' każijiet imsemmija f' punt 2(a), (b) u (c), informazzjoni li sejra tgħin fl-identifikazzjoni tal-Qorti li probabbilment għandha l-ġurisdizzjoni: ..............................................................

**DIKJARAZZJONI TA' L-IRĊEVUTA**

**L-awtorità li tirċievi**

Isem: ..........................................................................................................................................

Stat Membru: ..................................................................................................................................

Referenza tad-*Dossier*: ........................................................................................................................

Irċevuta f': ......................................................................................................................................

Persuna responsabbli mid-*dossier*: ..........................................................................................................

Indirizz: .........................................................................................................................................

Telefon: .........................................................................................................................................

Fax: ..............................................................................................................................................

Email: ...........................................................................................................................................

Jekk applikabbli, *dossier* mibgħut lill-: ......................................................................................................

Isem: ..........................................................................................................................................

Persuna responsabbli mid-*dossier*: ..........................................................................................................

Indirizz: .........................................................................................................................................

Telefon: .........................................................................................................................................

Fax: ..............................................................................................................................................

Email: ...........................................................................................................................................

Dikjarazzjoni ta' l-irċevuta tad-*dossier* mibgħut minn

**L-awtorità tal-ħruġ**

Isem: ...........................................................................................................................................................

Stat Membru: ...............................................................................................................................................

Referenza tad-*Dossier*: ..................................................................................................................................

Persuna responsabbli mid-*dossier*: .................................................................................................................

Magħmul f': ..................................................................... Data: ....................................................................................

Firma: ............................................................................